MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2402/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Scerri (ID983447M) sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess John Scerri**

**vs**

**Raymond Galea (ID 484965M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sebgha u hamsin lira Maltija u zewg centezmi (Lm657.02) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku ta' l-4 ta' Ottubru, 2003, fi Triq il-Merghat, Qormi, bejn il-vettura bin-numru EAQ 835 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru EAH 507 misjuqa minn Melanie Scerri u propjeta' ta' l-assikurat**

**tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht poiza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Interpellat sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' April, 2004, il-konvenut baqa' inadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi mitt lira (Lm100.00) 'Excess' imhallsa mill-assikurat tas-socjeta' attrici, John Scerri, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' April, 2004, u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mit-28 ta' April, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fil-25 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u hamsin lira Maltija u zewg centezmi (Lm557.02), u lill-attur John Scerri s-somma ta' mitt lira Maltija (LM100.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' April, 2004.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' April, 2004, u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------